**KUNSILL LOKALI TAL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012
-----------------------------------------
**KUMITAT AMMINISTRATTIV XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KA/4-2010(13_11_2010).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar is-Sibt, 13 ta' Novembru 2010, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fl-10.00 ta' filgħodu.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Godwin Azzopardi - *Chairperson*.
Is-Sur Mark Anthony Busuttil - Viċi-*Chairperson*.
Is-Sinjorina Joselle Buttigieg - Membru.
Is-Sur Michele Fenech Adami - Membru.

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Assenti kien hemm is-Sur Vincent Borg - Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-8 ta' Novembru 2010.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. *Tender* tad-Dawl fix-Xlendi.
3. Il-Proġett tal-Għar ta' Karolina.
4. Milied 2010 – Tiżjin u Attivitajiet.
5. Il-Laqgħa li saret mal-Ministru għal Għawdex.
6. Bankijiet u xogħol fuq Sant' Indrija.
7. Torri tax-Xlendi – Ko-ordinament ma' Din l-Art Ħelwa.
8. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KA/3-2010(09_10_2010).

**2.00 *Tender* tad-Dawl fix-Xlendi.**

2.01 Fil-laqgħa kien hawn preżenti l-Inġ. Renzo Curmi sabiex jispjega t-*Technical Evaluation Report* li huwa pprepara lill-Kumitat sabiex jiddeċiedi dwar il-Kumpanija li ser tissupplixxi lampi u aċċessorji. Wara li ġie evalwat kollox, ġie deċiż li t-*tender* ma tingħatax u jerġgħu jsiru speċifikazzjonijiet differenti li jkunu konformi mal-proġett ta' tisbiħ għax-Xlendi kollu u toħroġ sejħa oħra.

**3.00 Il-Proġett ta' l-Għar ta' Karolina.**

3.01 Il-Perit Saliba diġa' kien ipprepara l-pjanti u għamel il-kalkoli neċessarji u qed jaħdem sabiex tiġi ssottometta l-applikazzjoni lill-MEPA. Dan il-proġett ser jinkludi *upgrading* tal-passaġġ li jagħti għall-Għar ta' Karolina li jikkonsisti f' xogħlijiet ta' ċangatura, bini mill-ġdid tal-ħitan, isir dawl inkorporat fil-ħajt, *hand railing* mill-ġdid u jinbidel ir-rixtellu f' wieħed galvanizzat. Għal dan il-proġett il-Kumitat ser jingħata s-somma ta' €20,000 u marbut li jlesti dan il-proġett sat-30 ta' Novembru 2011. F' każ li l-permessi jdumu ma joħorġu u fis-Sajf ma jistax isir xogħol, il-Kumitat jista' japplika għal estenzjoni fiż-żmien. Il-Kumitat diġa' ngħata nofs l-ammont jiġifieri s-somma ta' €10,000.

**4.00 Tiżjin tal-Milied 2010.**

4.01 Għal din is-sena l-Kumitat ser iżejjen Triq San Xmun. Ser iwaħħal girlandi u weraq tal-Prinjol ma' kull fanal. Ser isir festun tad-dawl mal-fanali u jsiru bil-bozoz *led's*. Ser tiżżejjen il-*Christmas Tree* ta' Pjazza l-Anfori. Dan it-tiżjin ser jinxtara mingħand il-Kumpanija SBL u ser jiswew €789.50.

4.02 Ser isir *Christmas Market* fix-Xlendi. Dan ser isir il-Ħadd, 12 ta' Diċembru 2010. Leon Productions kienu ser jgħinu fl-Organizzazzjoni. Ser ikun hemm *Mickey Mouse, Balloon Modelers, Ben 10, Face Painters, Bob the Builder, Winnie the Pooh, Sponge Bob, Arts and Crafts, Free Bouncing Castle, Dora, Bag Pipes Player, Folk Music Trios, Minnie Mouse, Organised Games, Silt Walkers u Santa Clause & Elf*. Din l-attivita' ser tiġi tiswa madwar €2551 iżda r-*Restaurants* u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ser jintalbu xi *sponsor*.

Il-ħin kien in-12.30 ta' wara nofsinhar u ġie deċiż li l-laqgħa tiġi aġġornata sabiex titkompla darba oħra bl-istess Aġenda (Aġenda numru KA/4-2010(13_11_2010).

Il-Kumitat Amministrattiv reġa' ltaqa' nhar il-Ħamis, 9 ta' Diċembru 2010, fid-9.00 ta' filgħodu.

Preżenti kien hemm: is-Sur Godwin Azzopardi - *Chairperson,* is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Viċi-Chairperson*, is-Sinjorina Joselle Buttigieg - Membru, s-Sur Joseph Sultana - Sindku u s-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Assenti kien hemm is-Sur Vincent Borg – Membru u s-Sur Michele Fenech Adami - Membru.

4.02 Din il-laqgħa ssejjħet sabiex il-Kumitat Amministrattiv jiġi aġġornat dwar l-attivita' *Christmas in Xlendi* u din ser issir fit-13 ta' Diċembru 2010 bejn il-11.30 ta' filgħodu sa l-4.30 ta' filgħaxija. Din l-attivita' ser tiġi tiswa madwar €2,500 u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ser jagħti s-somma ta' €1,000 mill-Iskema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2011 (Memo 95/2010). Iċ-*Chairperson* flimkien mas-Sindku qed iżuru l-ħwienet tax-Xlendi u qed jintalbu €40.00 kull wieħed u bil-flus li jinġabru jitħallsu parti mill-ispejjeż.

Iċ-*Chairperson* issuġġerixxa li jekk ikun il-maltemp din l-attivita' ssir fit-2 ta' Jannar 2011.

Il-ħin kien id-9.45 ta' filgħodu u ġie deċiż li l-laqgħa tiġi aġġornata sabiex titkompla darba oħra bl-istess Aġenda (Aġenda numru KA/4-2010(13_11_2010).

Il-Kumitat Amministrattiv reġa' ltaqa' nhar is-Sibt, 18 ta' Diċembru 2010, fit-8.00 ta' filgħodu.

Preżenti kien hemm: is-Sur Godwin Azzopardi - *Chairperson,* is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Viċi-Chairperson*, is-Sinjorina Joselle Buttigieg - Membru, s-Sur Michele Fenech Adami – Membru, s-Sur Joseph Sultana - Sindku u s-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Assenti kien hemm is-Sur Vincent Borg – Membru.

**5.00 Laqgħa li saret mal-Ministru għal Għawdex.**

5.01 Il-laqgħa saret fid-29 t' Ottubru 2010, fil-Ministeru għal Għawdex. Preżenti kien hemm: l-Onor. Giovanna Debono – Ministru għal Għawdex, is-Sur Anthony Borg – Segretarju Privat, is-Sur Joseph Portelli – Direttur Proġetti u Żvilupp, is-Sur Joseph Sultana – Sindku tal-Munxar, is-Sur Godwin Azzopardi – *Chairperson*, Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi, s-Sur Mark Anthony Busuttil – Membru u s-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.

Il-Ministru bdiet il-laqgħa billi informat lill-membri preżenti dwar fejn wasal ix-xogħol ta' Triq ix-Xlendi. Għalkemm suppost li x-xogħol kellu jkun lest sal-31 t' Ottubru 2010, dan ix-xogħol ser jittardja bi tliet ġimgħat peress li għamel ħafna maltemp u l-ilmijiet għamlu ħafna ħsara fuq ix-xogħlijiet li kienu qed isiru. Il-*culvert* li ser jirċievi l-ilma minn fejn il-Knisja sa ġol-baħar ser jitkompla u mistenni li jitlesta sa l-aħħar tas-sena. L-unika problema hija meta tagħmel ix-xita peress li qed jiġi ħafna ilma minn ġol-wied.

Peress li kull meta tagħmel l-ewwel xita l-ilma ikaxkar ħafna qasab minn ġol-wied għal ġot-toroq u l-baħar tax-Xlendi, qed jiġi ssuġġerit li kull Sajf dan il-wied jitnaddaf biex b' hekk din il-problema tissolva.

Iċ-*Chairperson*, is-Sur Godwin Azzopardi informa lill-Ministru li l-Kumitat Amministrattiv – Xlendi bagħat *Expression of Interest* lill-MEUSAC sabiex japplika għall-fond ta' ERDF Turiżmu biex isir ramel fil-bajja u *upgrading* tat-toroq ta' madwar ix-xtajta. Il-Ministru ssuġġerit li l-Ministeru għal Għawdex u l-Kumitat Amministrattiv – Xlendi għandhom jikkordinaw flimkien sabiex issir applikazzjoni waħda. Kien hemm qbil dwar dan u ġie miftiehem li s-Sindku s-Sur Joseph Sultana u ċ-*Chairperson* is-Sur Godwin Azzopardi jiltaqgħu mal-Perit Mariella Xuereb u mad-Direttur Rita Cutajar.

5.02 Wara l-laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex, saru żewġ laqgħat, dwar il-fondi ERDF u dwar Eco-Għawdex. Ser issir applikazzjoni waħda u ser jintuża l-istudju li għandu l-Ministeru għal Għawdex. L-Applikazzjoni trid issir mill-Ministeru u l-Kumitat ikun *partner* fil-proġett.
Rigward l-*embellishment* tax-Xlendi, l-Kumitat iddeċieda li jitlob laqgħa maċ-*Chairman* tal-MTA.

**6.00 Bankijiet u Xogħol fuq Sant' Indrija.**

6.01 Bħalissa qed isir ir-restawr ta' l-istatwa ta' Sant' Indrija. Dan ix-xogħol qed isir mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex u l-materjal qed jitħallas mill-Iskema ta' Finanzjament għar-Restawr ta' Postijiet Storiċi Żgħar. Sadanittant il-Kumitat qed jistenna struzzjonijiet mingħand il-MEPA jekk l-istatwa tistax tinqala'.

6.02 Il-Kumitat ser jara fuq disinn ta' bankijiet sabiex 'il quddiem tkun tista' toħroġ it-*tender*.

6.03 Il-Kumitat iddeċieda li japplika għall-iskema ta' fondi għall-proġetti mill-Kumitati Amministrattivi sabiex dawn il-proġetti jikkontribwixxu sabiex jiġu implimentati l-miżuri ta' Eco-Għawdex. Il-Kumitat ser japplika sabiex isir *embellishment* tal-passaġġ li hemm taħt Triq San Xmun. Trid issir DNO mal-MEPA li ser issir mill-Ministeru għal Għawdex. Il-Proġett ikun jikkonsisti billi jsiru lqugħ għall-ilma u ħamrija li titkaxkar. Isir tindif tal-blat u jitneħħa l-ħaxix ħażin. Isir dawl baxx mal-ħajt.
Il-Proġett jista' jitla' sa massimu €70,000, il-Ministeru għal Għawdex joħroġ 95% u 5% joħroġ mill-Kumitat Amministrattiv li jammonta għal €3,600.

**7.00 Torri tax-Xlendi – Ko-ordinament ma' Din l-Art Ħelwa.**

7.01 Saret l-ewwel laqgħa tax-Xlendi Tower Management Committee fejn ġie diskuss l-*agreement* li sar bejn il-Kunsill u Din l-Art Ħelwa. Ġew iċċarati xi punti dwar il-finanzjament ta' dan il-Kumitat u x-xogħol li ser jagħmel fit-torri.

**8.01 Materji oħra.**

8.01 Is-Sur Mark Anthony Busuttil issuġġerixxa li jsir *flyer* fejn f' dan il-*flyer* jingħata kull informazzjoni dwar ix-Xlendi. Kien hemm qbil dwar dan.

8.02 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-Fondi tal-Miżuri 323 u 313 li ġew approvati skont dawn it-tabelli:

Measure 323

Total tal-proġett huwa ta' €300,117.62 VAT Inkluż.
EAFRD ser tikkontribwixxi €173,927.46.
*Co-financing* €40,587.53.
Kontribuzzjoni tal-Kunsill li tinkludi l-VAT €85,602.63 fuq tliet snin (2011 – 2013).

Measure 313

Total tal-Proġett huwa ta' €199,407.02.
EAFRD ser tikkontribwixxi €126,741.75.
Il-Kunsill ser jikkontribwixxi €72,665.27 fuq tliet snin (2011 – 2013).

Għaldaqstant fuq tliet snin il-Kunsill/Kumitat Amministrattiv irid joħroġ is-somma totali ta' €158,267.90.

8.03 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li fl-aħħar laqgħa li saret bejn il-Kunsilli tal-Munxar, Ta' Sannat, tax-Xewkija u tax-Xagħra sar qbil dwar kif ser ikunu r-rati li jitħallsu mill-Kunsilli rigward il-ġbir ta' Skart Domestiku. Wara li l-Kuntrattur offra tnaqqis fir-rati li kienu ġew mitluba fis-Sejħa għall-Offerti l-Kunsill tal-Munxar ser iħallas hekk:

L-ewwel sena tibqa' l-istess bħas-snin l-imgħoddija jiġifieri €74, it-tieni sena €77.70, it-tielet sena €81.58 u r-raba sena €85.66.

Dawn ir-rati huma għal kull ġurnata u jsir ġbir ta' skart 4 darbiet f' ġimgħa u VAT inkluża. Din is-somma ta' €74.00 kuljum ser tinqasam b' 50% Xlendi u l-bqija Kunsill tal-Munxar jiġifieri Xlendi €37.00 kuljum u Il-Munxar €37.00.

Kien hemm qbil mill-Kumitat li dan il-ftehim jiġi ffirmat ma' Kunsilli oħra u l-Kuntrattur KIP Għawdex Ltd.

Il-laqgħa spiċċat fil-11.30 ta' filgħodu u ġie deċiż li dwar laqgħa oħra jiġi miftiehem aktar 'il quddiem.

| | |
|---|---|
| **Godwin Azzopardi** | **Anthony Grech** |
| ***Chairperson.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |